**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' April 2024**

**Rikors Numru: 323/2012 MLF**

**Carmelo Camilleri**

**vs**

**GasanMamo Insurance Limited**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-attur fejn talab li bhala l-assigurat tas-socjeta' konvenuta fuq bazi ta' assigurazzjoni full comprehensive fuq il-vettura tat-tip Toyota Hi-Lux 4X4 bin-numru ta' registrazzjoni GBC 386 is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erbat elef, sitt mija u erba' Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€4604.26) rapprezentanti danni sofferti konsegwenza ta' incident awtomobilistiku liema ammont jinkludi wkoll l-ammont ta' mija u wiehed u erbghin Euro u sittin centezmu (€141.60) fi spejjez relatati mas-survey report fuq l-istess vettura (ara Dok. CC1 u Dok. CC2 annessi mar-rikors), liema danni gew sofferti mill-attur f'incident awtomobilistiku li sehh nhar l-20 ta' Novembru 2011 u li kawza tieghu l-vettura msemmija li kienet qieghda tigi misjuqa minn Steve Camilleri bil-karta tal-identita' numru 277883M giet dikjarata bhala beyond economical repair, u stante li ghalkemm giet debitament interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti anke permezz t'ittra ufficjali datata Frar 2012 is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti (ara Dok. CC3 anness mar-rikors).

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta inkluz dawk ta' l- ittra ufficjali ta' Frar 2012, l-ittri legali fosthom dik tal-5 t' Marzu, 2012, bl-imghax legali mid-data tal-incident sad-data tal-pagament u hlas effettiv.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, u dana minhabba ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni da parti tieghu u/jew tas-sewwieq minnu awtorizzat, Steve Camilleri, stante illi fil-mument ta' l-incident in kwistjoni, dan ta' l-ahhar iddikkjara mas-socjetá intimata illi kien ghadu kif gej lura minn-nightclub "Gianpula" u kien qal testwalment "jien forsi xrobt 3 jew 4 birra kollox" - liema dikjarazzjoni tfisser awtomatikament illi kien qed isuq taht l-effett ta' l-alkohol u ipso facto kontra t-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni - hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

   ii. Illi subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni jigi rilevat illi din l-okkazjoni ma kienetx l-ewwel wahda fejn l-assikurat Steve Camilleri naqas mill-obbligu legali tieghu li jinforma lill-Pulizija u/jew Wardens dwar incident awtomobilistiku a tempo vergine; kif del resto kien gie imwissi li jaghmel mis-socjeta intimata - u dana bl-intenzjoni cara illi jqarraq u jiehu vantagg indebitu mis-socjetà intimata, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

   iii. Illi jsegwi ghalhekk illi in vista tal-ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva in kwistjoni, is-socjeta' intimata ma hijiex obbligata illi tonora kwalsiasi hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' l-incident ta' l-20 ta' Novembru, 2011.

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. L-attur huwa sid il-vettura tat-tip Toyota Hi-Lux Spacecap bin-numru ta' registrazzjoni GBC 386, liema vettura kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni tat-tip *fully comprehensive* mahruga mis-socjeta' konvenuta u li kienet tkopri kull sewwieq 'l fuq minn 18-il sena. L-attur xehed li nhar l-20 ta' Novembru 2011 kien sellef din il-vettura lil ibnu Steve Camilleri, u li dakinhar ibnu kien involut f'incident b'din il-vettura. Spjega li huwa sar jaf bl-incident l-ghada filghodu meta ibnu irrakontalu kif sehh l-incident. Xehed li meta tkellem ma ibnu ma kienx jidher li jinsab taht l-effett tal-alkohol. L-attur xehed li huwa kien irraporta l-incident lis-socjeta' konvenuta li kienet baghatet is-*surveyor* taghha li kien iccertifika l-vettura bhala *total loss*. Qal li dan is-*surveyor* ried li l-vettura tigi zaramata mill-attur, izda li huwa ma kienx accetta dan u ghalhekk is-*surveyor* inkarigat mis-socjeta' konvenuta ma kienx ikkonkluda r-rapport tieghu. Xehed li ghalhekk huwa kien inkariga lis-*surveyor* Natalino Agius li kien ikkonkluda li l-vettura kienet *beyond economical repair*.[1]

ii. Steve Camilleri xehed li fl-20 ta' Novembru 2011 kien hareg ma' certu Brian Barbara u marru fl-istabbiliment Gianpula. Spjega li kien mar bil-vettura ta' missieru u li ghal habta tat-3.00am kien telaq lura lejn id-dar. Spjega li dak il-hin kienet ix-xita u li hin minnhom kif wasal f'liwja hass il-vettura tiskidja u dahal go hajt. Ma kienx hemm vetturi ohra involuti fl-istess incident. Xehed li fil-hin tal-incident kien qieghed isuq b'velocita' ta' bejn 30 u 40 km fis-siegha u li ma kienx taht l-influenza tal-alkohol. Kompla jghid li wara l-incident il-vettura ma setghetx tinstaq u ghalhekk kienet giet irmonkata. Qal ukoll li xi sieghat wara ghal habta tat-8.30am kien mar l-ghassa tar-Rabat u ghamel rapport dwar l-incident.[2]

iii. Brian Barbara xehed li nhar l-20 ta' Novembru 2011 kien mar fl-istabbiliment Gianpula ma' Steve Camilleri. Spjega li ma damux wisq hin hemmhekk u li ma jiftakarx li Steve Camilleri kien xorob xi alkohol. Xehed li meta kienu sejrin lura lejn id-dar huwa kien

[1] Ara l-affidavit tal-attur a *fol.* 15 u l-kontro-ezami tieghu a *fol.* 107 tal-process
[2] Ara l-affidavit ta' Steve Camilleri a *fol.* 16 u l-kontro-ezami tieghu a *fol.* 113 u *fol.* 142 tal-process

qieghed isuq il-vettura tieghu wara dik ta' Camilleri. Xehed li dak il-hin kienet ix-xita u li t-tnejn li huma kienu ghaddejjin b'velocita' ta' madwar 30 jew 40 km fis-siegha. Spjega li f'hin minnhom kien ra lil Camilleri jitlef il-kontroll tal-vettura u baqa' diehel go hajt, u li pero' hadd ma kien wegga' f'dan l-incident.[3]

iv. Natalino Agius, *motor damage estimator*, xehed li l-vettura kellha daqqa kbira fuq quddiem in-naha tax-xellug bil-konsegwenza li giet ikkawza hsara irreparabbli fuq ix-*chassis*. Kien hemm hsarat ohra mekkanici ikluz fis-*suspension* u fl-i*steering* u wkoll fil-gabina tal-vettura. Spjega li l-ispiza sabiex jissewwew dawn il-hsarat kienet wahda kbira u li l-valur tat-tiswijiet kien gabhom parti minghand l-agent tat-Toyota u parti ohra minn valuri ta' *second hand parts* li jkunu bil-garanzija. Xehed li l-ispiza tal-*parts* kienet ta' €4,500 filwaqt li l-ispiza tax-xoghol kienet ta' €2,087, u li dawn l-ammonti kienu ikbar mill-valur tal-istess vettura li kien inferjuri ghal €6,000, u ghalhekk huwa kien ikkonkluda l-hsarat bhala *beyond economical repair*.[4]

v. WPC 212 Adelaide Grech xehdet li nhar l-20 ta' Novembru 2011 fl-10:56am Steve Camilleri kien mar l-ghassa tar-Rabat biex jaghmel rapport dwar incident li kien involut fih matul il-lejl ta' qabel. Spjegat li Steve Camilleri kien qalilha li l-incident sehh meta hareg mill-istabbiliment Gianpula ghaliex dak il-hin kien hemm borg gebel fl-art u ma ndunax bih bil-konsegwenza li laqat fuq quddiem tal-vettura. Mir-rapport redatt mix-xhud jirrizulta li Steve Camilleri kien iddikjara li *"dan il-gebel kien fin-nofs u ma jipartjeni l-ebda hajt jew ghalqa."*[5]

vi. Max Borg Bonello, *Deputy Manager* fi hdan is-socjeta' konvenuta, xehed li l-polza mahruga f'isem l-attur kienet tat-tip *Comprehensive – Commercial Owned Goods* li kienet tkopri li l-vettura tinstaq minn kull sewwieq li ghandu licenzja valida. Spjega li l-*claim* dwar l-incident in kwistjoni nfethet fit-22 ta' Novembru 2011 meta l-attur flimkien ma' ibnu kienu marru fl-ufficju tas-socjeta' konvenuta. Xehed li fl-i*statement* li jsir mal-*claim form,* Steve Camilleri kien iddikjara li l-van kien skidjalu meta huwa

[3] Ara l-affidavit ta' Brian Barabara a *fol.* 18 u l-kontro-ezami tieghu a *fol.* 135 tal-process
[4] Ara x-xhieda ta' Nataino Agius a *fol.* 32 tal-process
[5] Ara x-xhieda ta' WPC 212 Adelaide Grech a *fol.* 48 tal-process u r-rapport a *fol.* 42 tal-process

kien sejjer lejn id-dar minn Gianpula u li Camilleri kien iddikjara wkoll li kien xorob 3 jew 4 birra.[6]

vii. Kompla jixhed li s-socjeta' konvenuta kienet regghet kellmet lil Steve Camilleri fid-29 ta' Novembru 2011 fejn rega' iddikjara li dak il-lejl kien ikkonsma l-alkohol.[7] Spjega li l-polza mahruga mis-socjeta' konvenuta kienet teskludi l-kopertura f'kaz ta' incident li jsehh meta l-vettura tigi misjuqa minn persuna li jkun taht l-effett tal-alkohol. Xehed li Steve Camilleri kien gie infurmat b'dan kemm verbalment nhar is-6 ta' Dicembru 2011 gewwa l-ufficju tas-socjeta' konvenuta u sussegwentement l-attur kien gie informat bil-miktub wara korrispondenza li ghaddiet bejn l-avukati tal-partijiet.[8]

viii. Malcolm Aquilina, *Claims Adjustor* fi hdan is-socjeta' konvenuta, xehed li fil-25 ta' Awwissu 2011 ghall-habta tat-3:00am Steve Camilleri kien involut f'incident separat minn dak mertu ta' din il-kawza izda bl-istess vettura. Dwar dak l-incident l-attur kien fetah *claim* mas-socjeta' konvenuta minn fejn kien irrizulta li r-rapport lil Pulizija dwar l-incident kien sar diversi sieghat wara u cioe' fil-5:15pm. F'dan ir-rapport Steve Camilleri kien iddikjara li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u laqat hajt ta' ghalqa. Spjega li hu flimkien mal-kollega tieghu Max Borg Bonello kienu gibdu l-attenzjoni tal-attur u ta' ibnu Steve Camilleri ghall-obbligu taghom li jirrapurtaw kull incident awtomobilistiku dak il-hin stess li l-incident isehh.[9]

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

6. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu ammont rapprezentanti hsarat subiti fil-vettura tieghu b'konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh nhar 1-20 ta' Novembru 2011 meta l-istess vettura kienet misjuqa minn iben l-attur Steve Camilleri, u dan a bazi ta' polza ta' assikurazzjoni tat-tip *Comprehensive* li kienet tkopri l-perjodu li fih sehh l-incident.

[6] Ara l-affidavit ta' Mac Borg Bonello a *fol*. 54 tal-process u Dok GMI 2 a *fol*. 62 tal-process
[7] Ara Dok GMI 5 a fol. 72 tal-process
[8] Ara Dok GMI 7 u Dok GMI 8 a fol. 95 u 96 tal-process
[9] Ara l-affidavit ta' Malcolm Aquilina a fol. 130 tal-process

7. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta tilqa' ghat-talba tal-attur billi tecepixxi illi kien hemm ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza assikurattiva stante li Steve Camilleri kien qed isuq taht l-effett ta' l-alkohol fil-hin tal-incident, u b'hekk mhijiex obbligata illi tonora kwalsiasi talba ghad-danni sofferti mill-attur. Tikkontendi wkoll li Steve Camilleri naqas mill-obbligu tieghu li jinforma lill-awtoritajiet dwar l-incident awtomobilistiku a tempo vergine bl-iskop illi jqarraq u jiehu vantagg indebitu mis-socjeta' konvenuta.

8. Huwa principju ben stabbilit illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kuntratt *uberrimae fidei* illi minn naha l-wahda jimponi dmir fuq l-assikurat li jaghti l-informazzjoni dwar kull fatt materjali marbut mal-assikurazzjoni, u minn naha l-ohra jorbot lis-socjeta' assikuratrici li tagixxi in bona fede u ma tinqediex bi skuzi frivoli biex tahrab mir-responsabbilita' taghha. Gie ritenut illi l-obbligu ta' *uberrimae fidei* ma jieqafx fil-mument li jigi konkluz il-kuntratt bejn il-partijiet izda jibqa' jissussisti tul il-perjodu kopert mill-polza ta' assikurazzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c.** deciza fl-14 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell spjegat illi:

> *"Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjeta` assikuratrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li dan jsofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-socjeta` assikuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta` assikuratrici."*

9. Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Chetcuti vs Citadel Insurance p.l.c.** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[10] nhar il-15 ta' Frar 2006 inghad illi:

> *"Fuq dawn is-senjalazzjonijiet kollha din il-Qorti hi tal-fehma illi l-kuncett ta' l-"uberrimae fidei" f'kuntratti ta' assikurazzjonijiet ma ghandux jitrasmoda la*

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras

*f'interpretazzjoni indiskriminata u lanqas f'oneru zejjed fuq l-assigurat, b' mod li kull skuza tissarraf f'rezistenza biex l-assigurazzjoni tevita li tonora claim meta din tirrizulta, fil-fattispeci partikulari, li tkun gustifikata.*"

10. F'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta qeghda tinvoka favur taghha wahda mill-eccezzjonijiet mahsuba fil-polza tal-assikurazzjoni taht it-titolu *General Exceptions* illi tipprovdi li s-socjeta' konvenuta ma hijiex marbuta li thallas f'kaz illi l-incident awtomobilistiku jsehh meta s-sewwieq ikun taht l-effett tal-alkohol, u dan billi tallega li s-sewwieq u cioe' Steve Camilleri kien taht l-influenza tal-alcohol fil-hin tal-incident. Din l-eccezzjoni tipprovdi hekk:

*"Your policy does not cover the following:*

*1. Any accident, injury, loss or damage while any vehicle insured under this policy is being:*

*- Driven by any person including you if at any time of driving, the driver is under the influence of intoxicating liquor or drugs (other than drugs taken for medical supervision and not for the treatment of drug addiction)"*[11]

11. Minn qari ta' din il-klawzola jirrizulta li l-eccezzjoni in kwistjoni tapplika f'kaz li s-sewwieq ikun taht l-influenza tal-alkohol, minghajr ma tispecifika l-ammont ta' alkohol li jkun gie ikkunsmat mis-sewwieq. Klawzola identika ghal dik taht ezami giet ikkunsidrata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited vs Alexander Jan Edward Van Reeven et** deciza nhar is-26 ta' Ottubru 2022, fejn gie ritenut illi:

*"Ġaladarba l-klawsola ma tipprovdix li s-sewwieq irid ikun xorob oltre l-limitu permess mil-liġi il-Qorti ma tistax iżżid din il-kondizzjoni hi ghaliex l-Qorti mhijiex permessa li tibdel it-termini tal-kuntratti konklużi bejn il-partijiet. Lanqas ma taqbel mas-soċjeta` appellata pero` li kwalunke ammont ta' alkohol ikkunsmat iwassal ghall-applikabbilita` ta' din il-klawsola. Il-klawsola in kwistjoni tuża l-kliem "under the influence", kliem li mehudin fis-sens naturali u loġiku taghhom ifissru li s-*

[11] Ara il-*General Exceptions* fil-polza a fol. 89 tal-process

*sewwieq ma jridx ikun sempliċiment ikkonsma xi xorb alkoholiku iżda li l-kapaċita` tas-sewwieq li jsuq tkun ġiet imnaqqsa b'konsegwenza tax-xorb li jkun ikkonsma, b'dana illi huwa rrelevanti li bl-ammont li jkun ikkonsma is-sewwieq ma jkunx mar oltre l-limitu impost mil-liġi. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal Black's Law Dictionary li jiddefinixxi l-frażi 'under the influence of intoxicating liquor" bil-mod segwenti:*

*"Phrase as used in statutes or ordinances prohibiting the operation of motor vehicle by a party under the influence of intoxicating liquor or drugs covers not only all wellknown and easily recognized conditions and degrees of intoxication, but any abnormal mental or physical conditions or drugs, and which tends to deprive one of that clearness of intellect and control of himself which he would otherwise possess. Any condition where intoxicating liquor or drugs has so far affected the nervous system, brain or muscles of the driver as to impair, to an appreciable degree, his ability to operate a motor vehicle in the manner that an ordinary, prudent and cautious man, in full possession of his faculties, using reasonable care, would operate or drive under like conditions."*

12. Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, din il-Qorti tqis li l-frazi "*under the influence of intoxicating liquor*" ma tfissirx li l-eccezzjoni favur is-socjeta' konvenuta tiskatta irrispettivament mill-ammont ta' alkohol li s-sewwieq ikun ikkonsma, izda tali eccezzjoni issib applikazzjoni fl-eventwalita' li jirrizulta li s-sewwieq ikkonsma ammont ta' alkohol li jnaqqas il-kapacita' tieghu li jsuq.

13. Ladarba kienet is-socjeta' konvenuta li qed tinvoka favur taghha l-applikazzjoni ta' din il-klawzola, kien jinkombi fuqha l-oneru li tipprova dak minnha allegat. F'dan ir-rigward is-socjeta' konvenuta ressqet dikjarazzjoni maghmula u iffirmata minn Steve Camilleri meta kien mar fl-ufficju tas-socjeta' konvenuta ma' missieru l-attur sabiex jiftah il-*claim*. F'din id-dikjarazzjoni datata 22 ta' Novembru 2011, u cioe' jumejn biss wara l-incident, Steve Camilleri kien iddikjara hekk: *"Kont gej minn Gianpula sejjer lejn id-dar, kienet ix-xita u skidjali l-van. Jien forsi xrobt 3 jew 4 birra kollox."* F'dikjarazzjoni ohra li ghamel mas-socjeta' konvenuta fid-29 ta' Novembru 2011 Steve

Camilleri iddikjara li *"Kull ma xrobt dak il-lejl xi 2 l-iktar 3 u ghal habta tat-3:30 hrigt."*[12]

14. Ghalkemm meta xehed f'dawn il-proceduri Steve Camilleri qal li huwa qatt ma semma birra u li ma jafx jaqra bil-lingwa Ingliza, din il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Steve Camilleri ma hijiex kredibbli. Hija ferma aktar affidabbli l-verzjoni tas-socjeta' konvenuta li *a tempo vergine* Steve Camilleri kien iddikjara maghha dak hawn fuq riportat, u li imbaghad kien biddel il-verzjoni tieghu fil-proceduri odjerni wara li l-*claim* ta' missieru l-attur ma gietx accettata. Wara kollox l-istess Steve Camilleri ikkonferma li l-firma fuq dik id-dikjarazzjoni hija tieghu u ghalhekk jekk kellu xi dubju dwar il-kontenut taghha kellu l-ghazla li ma jiffirmahix, u mhux l-ewwel jiffirmaha imbaghad konvenjentement jghid li ma jafx jaqra bil-lingwa Ingliza.

15. Ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li s-socjeta' konvenuta irnexxielha tipprova li dak inhar tal-incident Steve Camilleri kien ikkonsma xorb alkoholiku. Imiss issa li din il-Qorti tqis jekk l-ammont ta' alkohol ikkunsmat minn Steve Camilleri naqqasx il-kapacita' tieghu fis-sewqan. Hu principju ben accettat li f'kawzi ta' natura civili, tali prova ghanda tkun wahda li tinduci fil-gudikant dik ic-certezza morali ghab-bazi tal-verosimiljanza u preponderanza tal-probabiltajiet, u dan ghal kuntrarju ta' dak mehtieg fil-kamp penali fejn il-prova migjuba ghandha tkun lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

16. Fil-kaz odjern, mix-xhieda ta' Steve Camilleri u Brian Barbara jirrizulta li dakinhar tal-incident kienet ix-xita u li l-incident sehh fis-sieghat bikrin ta' filghodu fejn allura il-vizibilita' tat-triq tkun wahda ridotta. F'dawn il-kundizzjonijiet, Steve Camilleri kellu jkun ferm prudenti, anke tenut kont tal-fatt li ftit anqas minn tlett xhur qabel kien involut f'incident iehor bl-istess vettura fejn fir-rigward ta' dak l-incident kien iddikjara li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u baqa' diehel f'hajt.

17. Dwar id-dinamika tal-incident, il-Qorti tqis li mhijiex verosimili l-verzjoni moghtija minn Steve Camilleri u Brian Barbara li kien qieghed isuq warajh, li fil-mument tal-incident huma kienu qeghdin isuqu b'velocita' ta' bejn 30 u 40 km fis-siegha. Il-hsarat

[12] Ara id-dikjarazzjonijiet a fol. 73

estensivi li garrbet il-vettura, li fi kliem is-*surveyor* inkarigat mill-attur kienu irreparabbli, ma humiex kompatibbli mal-velocita’ indikata minn dawn ix-xhieda. Il-Qorti tinnota ukoll inkonsistenza fil-verzjonijiet li ta Steve Camilleri meta ghamel ir-rapport mal-Pulizija dakinhar tal-incident fejn kien iddikjara hekk *“dar fil-kisra kien hemm borg gebel mal-art u ma ndunax bih bil-konsegwenza li laqat fuq quddiem tal-vettura...dan il-borg gebel kien fin-nofs u ma jipartjeni l-ebda hajt jew ghalqa”*[13], u l-verzjoni tieghu fl-affidavit fejn ma jsemmi xejn dwar dan il-borg gebel u jghid li *“hassejt il-van jiskidja u tlift il-kontroll tal-vettura”*.[14]

18. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tqis li s-socjeta’ konvenuta rnexxilha tipprova fuq bazi ta’ bilanc ta’ probabiltajiet, li l-alkohol ikkunsmat minn Steve Camilleri fis-sieghat qabel ma sehh l-incident kellu effett negattiv fuq l-abilitajiet tieghu li jsuq b’mod prudenti u kawt, u li jevalwa r-riskji tenut rigward tal-kundizzjonijiet li kienet fihom it-triq fil-hin tal-incident.

19. Stabbilit dan, isegwi li l-agir ta’ Steve Camilleri jiskatta l-applikabilita’ tal-eccezzjoni invokata mis-socjeta’ konvenuta li tezentaha mill-obbligu li taghmel tajjeb ghad-danni subiti fil-vettura tal-attur.

20. Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, s-socjeta’ konvenuta eccepiet li Steve Camilleri naqas mill-obbligu tieghu li jinforma lill-awtoritajiet dwar l-incident *a tempo vergine* bl-iskop illi jqarraq u jiehu vantagg indebitu mis-socjeta’ konvenuta. Il-Qorti tosserva li l-kuntratt tal-assikurazzjoni in kwistjoni sar bejn l-attur u s-socjeta’ konvenuta. Steve Camilleri ma kienx parti minn dak il-kuntratt. Fil-polza tal-assikurazzjoni taht it-titolu *General Conditions*, l-attur (u mhux Steve Camilleri) kien marbut li jinforma lis-socjeta’ konvenuta *“as soon as reasonably possible”* wara li jsehh xi incident, korriment, telf jew dannu.[15] Mill-atti processwali jirrizulta li l-attur mar fl-ufficju tas-socjeta’ konvenuta jirraporta l-incident fit-22 ta’ Novembru 2011, u cioe’ jumejn biss wara, u ghalhekk entro terminu ragonevoli. Iz-zmien li ghadda mill-hin tal-incident sal-hin li fih Steve Camilleri mar ghamel rapport mal-Pulizija ma ghandu l-ebda rilevanza ghall-proceduri odjerni li huma ibbazati fuq relazzjoni kontrattwali ezistenti bejn il-

[13] Ara l-PIRS report a *fol*. 42 tal-process
[14] Ara l-affidavit ta’ Steve Camilleri a *fol*. 16
[15] Ara *fol*. 91 tal-process

partijiet. Ghaldaqstant din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta mhijiex gustifikata u ghalhekk ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

    1. Tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta;

    2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, u

    3. Konsegwentement tichad it-talba tal-attur fl-intier taghha.

22. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-attur.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**